Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 11 – Il-Ħamis 7 ta' Jannar 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-6.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

2.0 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Korrispondenza u Kommunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Ġiet trattata l-Memo mingħand Silvio Frendo tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-opportunita' sabiex jiġu nstallati żewġ wi-fi points oħra free fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel li għandu jintroduċi dawn il-Points fil-Belvedere u fil-Pjazza tad-Dehra. Sar qbil li sadanittant għandna niċċekjaw dwar it-tiswija tal-Wifi tal-Pjazza peress li mhux qed jaħdem sewwa.

3.2 Ġiet trattata l-ittra mingħand id-Direttur Mark Formosa tad-Direttorat Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward il-pagamenti pendenti tal-funtana ta' Triq iċ-Ċief, Għajnsielem. Fl-ittra tiegħu huwa stqarr li d-Direttorat lest li jħallas il-pagamenti pendenti bil-qbil li l-account tal-meter jiġi trasferit fuq isem il-Kunsill Lokali Għajnsielem. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta bi qbil li l-account jinqata' għal kollox għax il-Kunsill ser jissuplixxi l-elettriku u l-ilma lill-funtana b'mezzi oħra.

3.3 Ġiet trattata t-talba mingħand Pelagia Galea għall-estenzjoni ta' bankina tar-residenza Blue Waters fi Triq Hamri.

3.4 Ġiet trattata wkoll it-talba sabiex titbaxxa bankina quddiem ir-residenza ta' Ġesu Redentur fi Triq Benghazi.

3.5 Inqrat l-ittra mibgħuta mingħand Għajnsielem Football Club fejn irringrazzjaw lill-Kunsill talli organizza coach għall-partita li kellhom f'Ta' Qali Malta u fejn talbu wkoll laqgħa mal-Kunsill sabiex il-Kunsill jgħin fl-embellishment tal-entratura tal-grawnd.

**4.0 Wara ż-żjara f'Revine Lago**

4.1 Is-Sindku rrefera' għal din iż-żjara u għall-ospitalita' kbira u l-interess kbir li wrew magħna bħala Kunsill biex isir ġemellaġġ bejn iż-żewġ lokalitajiet. Il-Kunsill qabel li wieħed irid jistudja sewwa dan il-każ qabel jikkommetti ruħu peress li hija lokalita' li ma fihiex ħajja pero li hu żgur hu li delegazzjoni mill-Kunsill ta' Revine Lago għandhom jiġu mistiedna f'Għajnsielem u naraw eventwalment ir-relazzjonijiet kif jistgħu jevolvu għax ħbieberija ma' din il-lokalita' ma fihiex x'titlef.

4.2 Sar qbil li għandha tintbgħat ittra uffiċjali ta' ringrazzjament u fejn nistednuhom jagħmlu ż-żjara tagħhom f'Għajnsielem.

**5.0 Għeluq tal-Proġett tal-Pjazza tad-Dehra**

5.1 Preżenti għal-laqgħa kien hemm il-project manager tal-proġett, Mark Attard u l-kuntrattur tad-dawl Silvio Buttigieg. Huwa rrefera għall-problema tal-ġiebja li oriġinarjament kienet maħsuba fil-proġett iżda billi hemm l-ispiera ġiet eliminata. Issa qed jirriżulta li jista jagħti l-fatt li l-ispiera ma tkunx mimlija dejjem bl-ilma speċjalment fix-xhur tas-sajf. Il-Kunsill qabel li għalissa jħalli kollox kif inhu u jipprova jaħdem bis-supply tal-ilma mill-ispiera, u jekk imbagħad naraw il-ħtieġa ta' bini ta' ġibjun, dan jiġi nkluż mal-proġett tar-refurbishment tal-Playing Field biex b'hekk dan il-ġibjun ikun jissuplixxi kemm lill-Pjazza tad-Dehra kif ukoll lill-Playing Field.

5.2 Waqt il-laqgħa ġiet diskussa wkoll il-ħtieġa li jsir gutter li jaqsam it-triq bejn l-Għajn u l-Pjazza. Sar qbil li jigi kkunsidrat li jsir il-gutter u jitgħatta b'road hump

magħmula mill-porfido biex tkun tikkumplimenta ż-żewġ proġetti. Sar qbil li għandha tinġab stima għal dan ix-xogħol.

5.3 Is-Sur Buttigieg semma' li l-fanali ser jeħlu, u l-aċċessorji tad-dawl twaħħlu kollha. Semma' li fil-preżent qed titwaħħal l-irrigation. Huwa rrefera għall-ħtiega tat-tindif tal-Pump room biex titpoġġa l-pompa submersible.

5.4 Il-Project Manager irrefera għal-ħtieġa li l-bridges jitpoġġew fuq il-post u mbagħad wara għandha tittieħed deċiżjoni x'ser isir eżatt taħthom.

5.5 Il-Kunsillier Peter Caruana rrefera għall-ħtieġa ta' Information Board bl-istorja ta' Għajnsielem biex tikkumplimenta l-proġett.

5.6 Is-Sindku rrefera wkoll għall-problema li l-pagamenti suppost li nħargu sa l-aħħar tas-sena iżda għal xi raġunijiet dawn baqgħu ma nħarġux mill-Paying Agency. Il-Kunsill qed jagħmel l-almu kollu tiegħu sabiex dawn il-pagamenti jinħarġu kemm jista jkun malajr.

**6.0 Proġett tal-Frame**

6.1 Is-Sindku rrefera għall-proġett tal-Frame fejn saru passaġġi bic-cement provdut mill-Ministeru u bini ta' ħajt tas-sejjieħ li sar mill-ħaddiema tas-CMU. Huwa semma' li hemm il-ħsieb li r-railing eżistenti jinqala' u minflok jinbena ħajt. Huwa semma' li bħala spejjes tal-ħadid u xogħol fuq il-Frame għandhom jitqiesu taħt il-proġett Bethlehem f'Għajnsielem peress li din l-attrazzjoni tikkumplimenta l-proġett ta' Bethlehem. Bħala tħammil u twittija tal-konkos huma spejjes tal-Kunsill. Bħala xogħol ta' żebgħa tal-Frame sar minn Rudolph Cauchi u wkoll ser jitħallas mill-Kunsill. Is-Sindku semma' li l-proġett huwa kopert b'DNO tal-MEPA sottomess mill-Perit Shawn Micallef.

6.2 Is-Sindku rrefera għall-idea li jinkorpora xi żewġ bankijiet ġol-ħitan tas-sejjieħ. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li jekk ser inżidu xi ħaġa dawn għandhom jiġu nklużi fid-DNO. Is-Sindku rrefera wkoll għall-ħtieġa ta' railing għat-triq fuq il-hajt minħabba s-safety meħtieġa.

6.3 Il-Kunsilliera Karen Xuereb irreferiet għat-talba li bgħatna lid-Direttorat tat-Turiżmu u ġiet iggwidata li aħjar li din it-talba tintbgħat lid-Direttorat tal-Proġetti u Żvilupp minflok.

6.4 Sar qbil ukoll li għandna nqabbdu lill-kumpanija Keen biex tagħmel xi signs professjonali.

## 7.0 Attivita' tal-Karnival 2016

7.1 Is-Sindku propona li tiġi organizzata xi attivita' għall-Karnival minkejja li huwa qrib ħafna u ż-żmien huwa limitat. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi organizzata serata li tkun tinkludi xi kumpaniji ta' żfin, xi karrijiet u kompetizzjonijiet għall-aħjar kostum. Sar qbil ukoll li ngħalqu s-serata b'xi band bħalma hija dik ta' Lou Bondi u wara jinġab DJ billi jinżamm Retro Night.

7.2 Il-Kunsill qabel li l-attivita' għandha tiġi organizzata l-Ħadd 31 ta' Jannar 2016 mill-5pm 'l quddiem.

7.3 Sar qbil li bħala budget għal din l-attivita' jinżamm dak ta' madwar €1000.

## 8.0 Materji oħra

8.1 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għad-dalma u anke xi żdingar li hemm fil-playing field b'detriment li jkun qed jagħti lok għall-vandaliżmu. Sar qbil li għandu jiżdied il-vultaġġ tad-dawl fil-fanali l-baxxi għax id-dlam u jsir tindif u żbir meħtieġ.

8.2 Il-Kunsillier Larry Buttigieg irrefera għal każ li rikjesti ta' bozoz ġodda approvati mill-Enemalta mhux qed jiġu attwati mill-kuntrattur peress li mhawnx suppliment ta' bozoz ġodda LED's. Saret referenza għall-fatt li biex il-Kunsill iwaħħal bozza antika tiswielu €280 u li wara xorta ser ikollhom jinbidlu u għalhekk mhux worthed li l-Kunsill jonfoq dawn l-ispejjes u għalhekk jaqbel li nistennew il-konsenja l-ġdida.

Il-laqgħa waqfet fl-10:00 ta' filgħaxija u sar qbil li għandha ssir kontinwazzjoni tagħha nhar il-Ġimgħa 15 ta' Jannar 2016 fit-3:00 ta' wara nofsinhar.

**Kontinwazzjoni tal-laqgħa numru 11 illum 15 ta' Jannar fit-3:00 ta' wara nofsinhar.**

**9.0 Laqgħa mal-Perit Edward Scerri rigward il-proġett Ta' Passi**

9.1 Is-Sindku rrefera għall-pjanijiet eżistenti u għall-permessi pendenti quddiem il-MEPA sabiex l-area ta' Passi tiġi trasformata f'family park. Is-Sindku rrefera għall-fatt li qed ikun hemm ħafna lmenti li l-passaġġi eżistenti huma dojoq u s-sistema tad-dawl trid tinbidel. Is-Sindku propona li appena l-Kunsill jakkwista l-permess tal-MEPA, il-proġett għandu jinqasam f'fażi. Preżentament l-aktar ħaġa meħtieġa hija li jitwessgħu l-passaġġi u jitgħadda d-dawl. Is-Sindku rrefera għal ħtieġa urġenti li jitwessa' l-passaġġ tal-entratura ta' fuq minn naħa ta' Triq l-Imġarr iżda dan il-passaġġ jinsab ġo art Privata.

9.2 Il-Kunsillier Peter Caruana ġibed l-attenzjoni li għandna noqgħodu attenti dwar il-proċess biex ma mmorrux ninvestu xi flus u wara tinhareg xi enforcement notice fuqhom u jkollna naqilgħu kollox.

9.3 Il-Perit Edward Scerri, li kien preżenti għal-laqgħa, irrefera għad-dewmien tal-ħruġ tal-permess ta' family park u għal problemi konnessi miegħu. Huwa ssugerixxa li nitolbu laqgħa maċ-Chairman tal-MEPA biex nuruh li f'din l-ODZ area għandna l-intenzjoni li nagħmlu l-affarijiet bis-sewwa u nistħarrġu miegħu x'inhu jżomm milli jinħareg dan il-permess. Huwa kkonferma li l-kontenut tal-applikazzjoni huwa li jsir proġett ta' *recreational park* permanenti u li l-istrutturi jkunu hemm temporanjament.

9.4 Rigward il-ħtieġa tat-twessigħ tal-Passaġġ, il-Perit issuġġerixxa li ssir laqgħa bejn is-sidien u wara li tinġab l-approvazzjoni tagħhom għandu jinġab il-permess tal-MEPA wkoll. Sadanittant sar qbil li għandha tintbgħat ittra lid-Dipartiment tal-Artijiet biex jiggwidana dwar x'inhu l-mekkanizmu meħtieġ biex dan jitwessa'.

9.5 Il-Kunsillier Peter Caruana ġibed l-attenzjoni għall-ittra li l-Kunsill kien irċieva mingħand Fenech & Fenech Advocates sabiex ma jintmess xejn mill-artijiet privati.

## 10.0 Laqgħa mal-ħaddiema tal-Kunsill

10.1 Għal-laqgħa kienu preżenti l-ħaddiema kollha assenjati mal-Kunsill. Is-Sindku spjega kif ħass li għandha tinżamm laqgħa magħhom rigward xi żviluppi li seħħew u rigward ġbid ta' attenzjoni dwar il-ħidma tagħhom.

10.2 Huwa rrefera għal fatt li l-ħaddiema tal-ETC ser jiġu assenjati ma' Aġenzija pero skond l-informazzjoni li għandu s'issa jibqgħu jaħdmu mal-Kunsill bid-differenza li jaħdmu full-time 40 siegħa fil-ġimgħa, bil-Vacation Leave u s-Sick Leave u jitħallsu paga minima. Is-Sindku fisser kif dan kollu jindika li ser tiżdied ir-responsabilita' fuqhom bħala ħaddiema kif ukoll fuq il-Kunsill bħala l-impjegat assenjat. Huwa saħaq fuq l-importanza li jiġi onorat il-ħin tax-xogħol għax ħadd mhu ser jerfa responsabilita' għal xi ħadd li mhux iwettaq dmiru.

10.3 Huwa saħaq ukoll dwar l-importanza li jingħaqdu bħala grupp u jaħdmu f'teamwork u ma jkunx hemm rapporti minn wieħed għall-ieħor. Huwa talab għall-għaqda bejniethom u rispett reċiproku lejn l-amministrazzjoni tal-Kunsill.

## 11.0 Korrispondenza - Ittra dwar ic-caqliq tal-annimali f'Bethlehem f'Ghajnsielem

11.1 Ġiet trattata l-ittra li l-Kunsill irċieva mingħand id-Direttur Roberto Andrea Balbo għad-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja .fejn dan ikkundanna l-fatt li taċ-ċaqliq ta' majjali fil-proġett Bethlehem f'Ghajnsielem 2015. Fl-ittra tiegħu huwa saħaq li dan huwa ksur ta' liġi u lest li jittieħdu passi kriminali kontra l-Kunsill u l-organizzaturi jekk jerġa jiġri dan.

11.2 Is-Segretarja rreferiet għall-email li hija bgħatet lill-Kunsilliera rigward din l-ittra fejn hija iddissoċjat ruħha minn kull deċizzjoni mittiehda mill-organizzaturi ta' Bethlehem f'Għajnsielem, għax wara laqgħat li hija personalment kellha fuq il-post mal-veterinarju Frank Galea huwa ġibdilha l-attenzjoni kemm il-darba li mportanti li ma jkunx hemm ċaqliq u preżenza ta' ħnieżer. Is-Segretarja nformat lill-organizzaturi dwar dan.

11.3 Is-Segretarja hawnhekk qajjmet il-punt li mportanti li għal Bethlehem f'Għajnsielem 2016 jiġi stabilit li l-Kumitat Organizzativ huwa l-istatutorju li huwa responsabbli mill-proġett għax jekk ikun hemm xi ksur ta' kontroll li hija mhix konxja minnhu, ma għandux jeħel bih il-Kunsill.

11.4 Is-Sindku semma' li huwa ma kienx konxju li ser iġibu l-ħniezer. Il-ħniezer li nġabu kienu pets u huwa stqarr li lest li jerfa r-responsabilita' hu iżda fl-ebda ħin mhux ser jagħti ndikazzjoni minn ġab dawn il-pets fil-proġett wara li l-individwu għamel pjaċir biex timtela' stalla li kienet ser tkun vojta.

11.5 Il-Vici Sindku rrimarka li mhux worthed li wieħed jieħu riskju għal xi ħaġa li l-attendenza għall-proġett ma tiddependix daqshekk fuqha.

11.6 Il-Kunsillier Larry Buttigieg ġibed l-attenzjoni li mportanti li l-Kunsill ikun avzat b'kull deċizjoni li tittieħed.

11.7 Il-Kunsillier Peter Caruana gibed l-attenzjoni biex ma jsir l-ebda ksur ta' kontroll u nagħmlu kollox b'ħafna attenzjoni bħalma ġara fil-kwistjoni tal-bridge u tal-frame. Huwa hawnhekk irrefera wkoll ghal fatt li d-DNO tal-proġett tal-frame għadu ma nħariġx u minkejja dan il-proġett sar xorta. Is-Sindku dak il-ħin ċempel lil Perit biex jikkonferma dan. Il-Perit ikkonferma li l-approvazzjoni għada ma nħarġitx iżda ma jidhirx li hemm problemi biex tinħareġ. Il-Kunsill qabel li għandu jistenna l-approvazzjoni tal-permess qabel ma jkompli għaddej bix-xogħolijiet tiegħu.

## 12.0 Preżentazzjoni tar-rigali tal- Kompetizzjonijiet tal-Milied.

12.1 Waqt il-laqgħa ġew mistiedna r-rebbieħa tal-kompetizzjonijiet tal-Milied. Bħala kompetituri kien hemm kompetitur wieħed biss għal kull kategorija u għalhekk wara li l-ġurija marret tara l-presepji u t-tieqa ddeċidiet li għandha tagħtihom premju kull wieħed. Għalhekk il-Kunsill feraħ lir-rebbieħa u ħeġġeġ lit-talent Għajnselmiż ikompli jikber anke f'dik li hija tradizzjoni. Ir-rebbieħa kienu hekk:-

- Kategorija A - L-isbaħ presepju kbir- Frankie Buttigieg
- Kategorija B - L-isbaħ presepju żgħir - Maria Spiteri
- Kategorija C - L-isbaħ tieqa bil-bambin - Miriam Xuereb

12.2 Waqt il-Laqgħa ġie preżentat ukoll il-poster tal-Karnival 2016 preparat minn Christiana Xuereb. Il-Kunsill ferħilha u rringrazzjaha tal-biċċa xogħol li għamlet.

12.3 Is-Sur Ġużeppi Cauchi li kien nominat mill-istess Kunsill għal Premju Frans Sammut ġie rikonoxxut permezz ta' ċertifikat maħruġ mill-Ministeru tal-Edukazzjoni. Dan iċ-ċertifikat wkoll ġie preżentat lilu waqt il-laqgħa.

**13.0 Korrispondenza u Materji oħra**

13.1 Ġiet trattata l-ittra mingħand Louis Debattista rigward xi kampanja ta' tindif li jagħmel f'diversi lokalitajiet fosthom f'Għajnsielem. Huwa talab l-għajnuna tal-kunsill f'dik li huma disposable gloves u recycled bags. Il-Kunsill qabel li għandu jissuplixxi dawn.

13.2 Ġiet trattata n-notifika ta' Infurzar mill-MEPA rigward ksur ta' kontroll ta' żvilupp bla permess fi Triq il-Briegħen.

13.3 Ġiet trattata l-ittra mingħand Dun Charles Buttigieg fejn propona li għal Ġieħ Għajnsielem nieħdu in konsiderazzjoni liz-zijiet tiegħu Dun Karm Xerri u Mons. Lawrenz Xerri. Il-Kunsill qabel li għandna nweġġbuh li dawn il-proposti jistgħu jiġu kkunsidrati fl-edizzjoni li jmiss ta' Ġieħ Għajnsielem.

13.4 Ġew trattati żewġ talbiet ta' bozoz ġodda fi Triq il-Briegħen u Triq Firilla. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu nstallati dawn il-lampi ġodda u jressaq din it-talba lir-Regjun t'Għawdex.

13.5 Ġiet trattata t-talba tal-Customer Care rigward ħtiega ta' manutenzjoni f'Ta Bordin.

13.6 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab sabiex tintbgħat reminder biex bejn Cordina Street u l-Heliport isiru xi tip ta' Slow signs u Speed Limit signs. Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab ukoll sabiex f'dan l-istess post tiġi nstallata mera.

13.7 Is-Sindku rrefera għall-hajt tat-telgha tal-kappella ta' Lourdes u li huwa baxx ħafna u jinħtieġ li jogħla b'xi mod. Il-problema hija li peress li l-hajt qiegħed fit-tond mhux la kemm iżżidlu filata. Sar qbil li għandna nistħarrġu x'jista jsir.

13.8 Il-Kunsillier Peter Caruana rrefera għall-caravan li ilha zmien twil quddiem il-Playing Field tal-Gudja. Sar qbil li għandu jiġi kkuntatjat is-sid biex ineħħiha.

13.9 Il-Kunsillier Peter Caruana rrefera wkoll għall-ħtieġa ta' zbir ta' siġar tal-harrub fi Triq Kemuna, fi Triq il-Gudja u fi Triq iż-Żewwieqa. Is-Segretarja weġbitu li ilha żmien li ressqet applikazzjoni quddiem il-MEPA dwar dan iż-żbir u li ser

tiċċekja dwar fejn waslu dawn l-applikazzjonijiet peress li dawn is-sigar huma ta' periklu għas-sewwieqa.

13.10 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-ilmenti li qed nirċievu rigward dħaħen u rwejjaħ mill-impjanti ta' Gatt Consruction fi Triq Borg Għarib. Huwa talab jistax ukoll li nitolbu li dawn jiġu mdawwra b'xi siġar biex jinqata' l-impatt mal-ambjent. Il-Kunsill qabel li għandu jistħarreġ mal-MEPA rigward għajdut li hemm xi talbiet għall-estenzjonijiet fl-impjanti l-oħra tal-qrib u rigward jekk hemmx xi applikazzjonijiet oħra pendenti ta' mpjanti.

13.11 Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex rampa tar-residenza "Star of the Seas" Triq Cordina tinbidel f'bankina.

13.12 Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab ukoll lill-Kunsill jekk it-tournament tal-isnooker jistax isir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill bħas-snin l-imgħoddija. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel dan.

13.12 Sar qbil ukoll li għandna nagħtu donazzjoni ta' €200 lil Arka Respite Centre għall-użu tas-sala konness mal-festin tat-tfal tal-Milied.

13.14 Il-Vici Sindku rrefera ghal xi bozoz maħruqin mal-knisja ta' Lourdes u sar qbil li din il-Knisja għandha tiġi mdawwla aħjar minn naħa tal-Belvedere. Is-Sindku rrefera wkoll għall-ħtieġa sabiex isiru żewg bollards bil-katina biex jerġgħu jagħlqu l-aċċess għat-traffiku għal taht Chambray.

13.15 Is-Sindku propona wkoll li wara l-attivitajiet tal-Milied għandhom jinkitbu ittri ta' ringrazzjament fosthom lil Redcoats u Għajnsielem FC tal-għajnuna fl-Isports Day, lil Kumitat tal-Banda għall-użu tas-Sala minħabba l-wirja ta' Betħlehem f'Għajnsielem u lill-Kunsill Mellieha fl-għajnuna tal-miġja tal-Maġi.

13.16 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi irrefera għall-area ta' bejn Triq Simirat u Triq Borg Għarib li turi dehra ta' telqa u hemm ħafna ħmieg. Hu talab sabiex din titnaddaf u jekk tistax b'xi mod tissebbaħ. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lid-Direttorat Proġetti u Żvilupp jekk din l-area hemmx xi proposta maħsuba għaliha mal-proġett tar-resurfacing tat-triq.

13.17 Giet trattata lista ta' talbiet li daħlu fil-Customer Care li kienu:-

- Pauline Buttigieg, "In God we Trust" Triq il-Gnien fejn talbet sabiex issir railing quddiem l-entratura tac-Centru Parrokjali biex tipprotegi t-tfal huma u hergin. Il-Kunsill qabel li ghandu jordna dan ir-railing.
- Galea Family , Li qed jintefa' xi zibel fo l-ghalqa fi triq Mgarr fi Triq ta' Lourdes. Il-Kunsill qabel li ghandu jindaga l-kaz.
- Joe Debattista, Triq Hamri.- Talba sabiex isir double yello lines fi Sqaq fi Triq Hamri. Sar qbil li ghandha ssir talba biex isiru double yellow lines quddiem is-sqaq biex hadd ma jimblukkah.
- Dolores grech, Triq il-Qighan fejn talbet sabiex issir sign biex il-boroz tal-iskar ma jithallew quddiem il-flats fi Triq ix-Xatt l-Ahmar peress li l-iscammel ma jinzilx s'isfel tat-triq. Sar qbil li ghandna navzaw lill-kuntrattur biex dan ma jirrepetix ruhu.
- Michael Cremona - Fejn talab biex jinghata asphalt lil hofor il-kbar li jinsabu Ta' Bordin. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lic-CMU sabiex jghin f'dan ix-xoghol flimkien ma' dak ta' Triq il-Brieghen.

## 14.0 Wara Bethlehem f'Għajnsielem

14.1 Is-Sindku rrefera għall-attendenza kbira u dejjem tiżdied għall-Bethlehem f'Għajnsielem. L-istadju li jmiss issa huwa li jitlaqqa' l-Kumitat u anke jsir il-Get Together bħala ringrazzjament gentilment offrut annwalment mid-Diretturi tal-Grand Hotel.

14.2 Ġiet trattata l-ittra mingħand l-eks Sindku Francis Cauchi bħala eks Chairman tal-Kumitat Bethlehem f'Għajnsielem fejn fiha ddikjara u għadda l-ammonti ta' €1958.28 bħala bilanċ mid-donazzjoniet ta' Bethlehem f'Għajnsielem 2014 u €450.34 f'donazzjoniet miġbura għall-Community Chest Fund. IS-Segretarja kkonfermat li hija rċeviet l-ammonti dikjarati fl-ittra.

14.3 Is-Segretarja preżentat rapport tad-donazzjonijiet miġbura minn Bethlehem f'Għajnsielem. L-ammonti miġbura kienu ta' €7904.88 bħala donazzjonijiet u €880.92 bħala donazzjoniet għall-Community Chest Fund. Daqn għandhom jitgħaddew lil Kumitat Bethlehem f'Għajnsielem.

## 15.0 Progett tal-embellishment fi Triq il-Ġnien

15.1 Il-Kunsill qabel li dan il-proġett għandu jinqasam f'fażijiet. Bħala tkissir għandna nqabbdu xi kuntrattur u bħala xogħol ta' kurduna u konkos issir mill-ħaddiema

tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti bidu għal dan il-proġett taħt is-sorveljanza tal-Perit.

**16.0 Update oħra dwar l-attivita' tal-Karnival**

16.1 Is-Sindku rrefera għall-kuntatt li huwa għamel mal-każini biex jgħinu lill-Kunsill fil-ħlas tal-band. Huwa semma' li t-tnejn qablu li jgħaddu d-donazzjoni ta' €150 kull wieħed. Huwa semma' li l-band ta' Loui Bondi kkonfermaw li jistgħu jattendu u kullma jridu huwa s-sound biss. Huma ma jridux ħlas. Is-Sindku semma' li hemm diversi stabilimenti f'Għajnsielem li lesti li jisponsorjaw parti minn din l-attivita'. L-attivita' ser tkun tikkonsisti f'diversi kumpaniji ta' żfin, karrijiet, maskri grotteski u l-Kummitiva.

**17.0 Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

17.1 Sar qbil li fl-assenza tal-ambaxxatur taż-Żgħażagħ peress li għalaq 18-il sena, il-Kunsill jinħtieġ li joħroġ sejħa sabiex jimtela' l-post vakanti tal-ambaxxatur taż-żgħażagħ waqt il-laqgħat tal-Kunsill. Sar qbil li għandhom jinfetħu l-applikazzjonijiet u li jkunu jagħlqu sal-31 ta' Jannar 2016.

**18.0 Kunsill tat-Tfal.**

18.1 Is-Sindku rrimarka li wasal iż-żmien li għandna nerġgħu nagħtu spinta biex inwaqqfu l-Kunsill tat-Tfal. Peress li ma tantx kien hemm konkorrenza meta nħarġu l-applikazzjonijiet, sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil Kap tal-Iskola Primarja biex tgħinna fit-twaqqif ta' dan il-Kunsill.

**19.0 Expression of Interest dwar l-iskart Riċiklat**

19.1 Għal din is-sejħa ntefgħet dik tal-Green MT biss. Il-Kunsill qabel li għandu jweġibhom li minkejja li huma l-unika sottomissjoni, ma jistax jikkonsidraha għalissa qabel ma jirċievi l-pagamenti dovuti lil Kunsill.

**20.0 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-Impjegati.**

20.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsilliera l-approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Segretarja Lucienne Haber. Il-kunsill qabel unanimament li s-Segretarja għandha tieħu l-Performance Bonus fil-massimu tiegħu, dak ta' 10% għad-dedikazzjoni fit-twettiq ta' xogħolha. Is-Segretarja

ħminn naħa tagħha rringrazzjat lill-Kunsll tal-fiduċja li għandu fiha u kkonferma magħhom li hu ta' pjaċir kbir tagħha li taħdem ma' Kunsill hekk ħabrieki.

20.2 Is-Segretarja minn naħa tagħha rrakkomandat li l-iskrivani tal-Kunsill, Sarah Formosa u Joseph Ciantar, ilkoll jieħdu l-Performance Bonus massimu dovut lilhom peress li t-tnejn li huma jwettqu xogħolhom tajjeb ħafna.

**21.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

21.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti u approvata.

21.2 Sadanittant is-Segretarja ġibdet l-attenzjoni li minħabba xogħolijiet urġenti u nuqqas ta' għazla ta'suppliers f'Għawdex, kien hemm xi xogholijiet imwettqa jew mixtrija minghand xi suppliers li meta takkumulahom flimkien jaqbzu l-limitu stipulat ghal zmien ta' sitt xhur. Dawn is-suppliers kienu Teddy Xuereb ghal diversi xogholijiet ta' tqattign u thammil konnessi max-xogholijiet tax-Xatt l-Ahmar u f'Ta' Passi, minghand Goerge Attard Hardware, għall-ammont ta' hardware material li jkollu bżonn il-Kunsill matul l-andament tax-xogħol tiegħu ta' kuljum u peress li dan il-ħanut jinsab f'Għajnsielem huwa konvenjenti hafna u minghand Joseph Caruana Ltd peress li hafna drabi ċertu prodotti bħalma huma njam huwa l-uniku supplier. Il-Kunsill qabel li kemm jista jkun għandu jiġi nnotat li ma jinqabzux l-ammonti stipulati.

Il-laqgħa ntemmet fl-8:00 ta' filgħaxija u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgha 12 ta' Frar 2015 fil-11:00 ta' filgħodu.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**